VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 464 tal-2010

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regolamenti tal-2008 dwar l-Eżekuzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' Ordnijiet ta' Konfiska

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 628A tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar l-Eżekuzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' Ordnijiet ta' Konfiska.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Arranġament" tfisser id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru, 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' konfiska kif emendata bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009;

"ċertifikat" tfisser il-formola, li jkollha d-dettalji tagħha msemmija f'dik il-formola li hemm fl-Anness li jinsab mal-Arrangament li jistipula l-informazzjoni meħtieġa bl-istess formola li hemm fl-Iskeda 2;

"Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI" tfisser id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2005 fuq il-Konfiska ta' Rikavat ġej minn Reat, Instrumentalitajiet u Proprjetà, riprodotta fl-Iskeda 4;

"instrumentalitajiet" tfisser kull proprjetà użata, jew li hemm ħsib li tintuża, b'kull mod li jkun, għalkollox jew biss f'parti, fl-għemil ta' xi reat jew reati kriminali;

"oġġetti kulturali li jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali nazzjonali" għandha titfisser skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq it-treġġigħ lura ta' oġġetti kulturali li jkunu tneħħew illeġitimament mit-territorju ta' Stat Membru;

"ordni ta' konfiska" tfisser piena jew miżura finali imposta minn qorti fuq persuna fiżika jew ġuridika, wara proċedimenti dwar reat jew reati kriminali, li jirriżultaw fil-privazzjoni definittiva tal-proprjetà;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"proprjetà" tinkludi proprjetà tkun kif tkun deskritta, kemm tanġibbli kemm mhux tanġibbli, mobbli jew immobbli, kif ukoll dokumenti legali u strumenti li jiffurmaw prova tat-titolu għal dik il-proprjetà, jew interess fiha, skont ma l-qorti tal-Istat emittenti tkun iddecidiet:

(a) li tkun ir-rikavat ta' reat rilevanti jew l-ekwivalenti sew għall-valur sħiħ sew għal parti mill-valur ta' dak ir-rikavat; jew

(b) li tkun tikkostitwixxi l-istrumentalitajiet ta' reat bħal dak, jew

(ċ) li tista' tiġi konfiskata skont ma jirriżulta minn kif tiġi applikata fl-Istat emittenti xi setgħa ta' konfiska estiża kif speċifikata fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI, jew

(d) li tista' tiġi konfiskata taħt kull dispożizzjoni oħra li jkollha x'taqsam mas-setgħat ta' konfiska estiżi taħt il-liġi tal-Istat emittenti;

"reat relevanti" tfisser:

(a) reat skedat; jew

(b) kull reat ieħor li dwaru tapplika l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iżjed minn sena;

"reat skedat" hu xi wieħed mir-reati mniżżlin fil-lista ta' reati li hemm fl-Iskeda 1;

"rikavat" tfisser kull vantaġġ ekonomiku li jinkiseb minn reati kriminali, li jista' jkun jikkonsisti f'kull għamla ta' proprjetà;

"Stat emittenti" tfisser l-Istat Membru minn fejn qorti tkun ħarġet ordni ta' konfiska fil-qafas ta' proċedimenti kriminali;

"Stat eżekutur" tfisser l-Istat Membru fejn tkun intbagħtet ordni ta' konfiska sabiex din tiġi eżegwita;

"it-Trattat" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"l-Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea kif imsemmija fit-Trattat.

Limitazzjoni.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu limitati għat-trasmissjoni w esekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska bejn Malta u Stat

Membru tal-Unjoni Ewropea elenkat fl-Iskeda 3 u għandhom japplikaw għal ordnijiet maħruġin wara l-24 ta' Novembru, 2008.

Awtoritajiet kompetenti.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(a) l-Avukat Ġenerali jkun il-persuna li għandha tirċievi ordnijiet ta' konfiska maħruġin fl-Istat emittenti u li jittrasmetti lill-Istat eżekutur ordnijiet ta' konfiska maħruġin f'Malta minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, u

(b) qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali jkollha l-kompetenza li toħroġ ordnijiet ta' konfiska.

Trasmissjoni.

5. (1) Ordni ta' konfiska għandha tigi trasmessa flimkien maċ-ċertifikat provdut dwaru fl-Iskeda 2 li jkun fih l-informazzjoni li tinsab preskritta fih, b'kull mezz li dwaru jkun jista' jinħareġ *record* taħt kondizzjonijiet li jkunu jippermettu lill-Istat eżekutur li jistabbilixxi l-awtentiċità tiegħu.

(2) Iċ-ċertifikat għandu jkun jew bil-Malti jew bl-Ingliż:

Iżda ma jkunx meħtieġ li l-ordni ta' konfiska tkun jew bil-Malti jew bl-Ingliż.

(3) L-oriġinal tal-ordni ta' konfiska, jew kopja ċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat għandhom jitwasslu lill-Istat eżekutur jekk dan jenħtieġ minnu.

Dettalji ta'ordnijiet ta' konfiska.

6. (1) Ordni ta' konfiska għandu jkun fiha dikjarazzjoni li l-ordni tkun tirrigwarda:

(a) mġieba li -

(i) tkun reat skedat; u

(ii) li tagħti lok ghal sentenza ta' priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien massimu ta' mill-inqas tliet snin fl-Istat emittenti:

Iżda f'dawk il-każijiet m'għandux jkun hemm verifika dwar il-kriminalità doppja tal-att; jew

(b) mġieba li -

(i) kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta li kieku tkun seħħet f'Malta; u

(ii) jkollha piena taħt il-liġijiet ta' Malta ta' priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien

VERŻJONI ELETTRONIKA

tnax-il xahar jew piena aktar ħarxa.

(2) Sabiex jiġi deċiż għall-finijiet ta' dan ir-regolament jekk reat ikunx jaqa' taħt il-ħtiġiet tas-subregolament (1)(b)(i) :

(a) id-deskrizzjoni tar-reat m'għandhiex titqies bħala xi ħaġa materjali jekk ir-reat taħt il-liġi ta' Malta u l-liġi tal-Istat emittenti sostanzjalment ikollhom l-istess xorta;

(b) jekk l-imġieba jkollha x'taqsam ma' xi taxxa jew dazju, huwa immaterjali li l-liġi ta' Malta ma timponix l-istess xorta ta' taxxa jew dazju jew ma jkunx fiha regoli tal-istess xorta bħal dawk tal-liġi tal-Istat emittenti;

(ċ) jekk l-imġieba jkollha x'taqsam mad-dwana jew il-kambju, huwa immaterjali li l-liġi ta' Malta ma jkunx fiha regoli tal-istess xorta bħal dawk tal-liġi tal-Istat emittenti.

(3) Ordni ta' konfiska għandha tkun tindika jekk l-ordni tkunx inħarġet għall-fini li:

(a) tikkonfiska xi oġġett wieħed speċifiku jew aktar speċifiċi ta' proprjetà; jew

(b) tikkonfiska somma ta' flus.

Ċertifikat minghand l-Avukat Ġenerali.

7. Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi ordni ta' konfiska fil-kuntest tat-tifsir ta' dawn ir-regolamenti, l-Avukat Ġenerali għandu, skont il-ġudizzju tiegħu individwali u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, joħroġ ċertifikat li jkun jgħid li l-awtorità li tkun ħarġet l-ordni ta' konfiska jkollha l-funzjoni li toħroġ ordnijiet ta' konfiska fl-Istat emittenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konklużiv fir-rigward tal-kontenut tiegħu.

Raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent.

8. (1) L-Avukat Ġenerali m'ghandhux jirrikonoxxi ordni ta' konfiska jekk:

(a) iċ-ċertifikat li hemm provdut dwaru fl-Iskeda 2 ma jinġiebx, ma jkunx wieħed komplet jew ma jkunx jikkorrispondi b'mod ċar mal-ordni ta' konfiska;

(b) l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

(ċ) l-att li l-ordni ta' konfiska jkun ibbażat fuqu ma jkunx wieħed li jinkwadra fil-lista ta' mġieba skedata u ma jikkostitwix reat taħt il-liġi ta' Malta;

(d) ikun hemm xi immunità jew privileġġ taħt il-liġi ta' Malta li jagħmilha ħaġa impossibbli li l-ordni ta' konfiska tiġi eżegwita fuq il-proprjetà involuta;

(e) id-drittijiet ta' xi parti li jkollha interess, inklużi terzi persuni li jkunu *bona fide*, taħt il-liġi ta' Malta jagħmluha ħaġa impossibbli li tiġi eżegwita l-ordni ta' konfiska:

Iżda jekk tinbeda xi proċedura quddiem il-qrati ta' Malta minn xi parti li jkollha interess, l-Istat emittenti għandu jiġi mgħarraf b'dan;

(f) skont iċ-ċertifikat li hemm provdut dwaru fl-Iskeda 2, il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ordni ma tkunx dehret personalment fil-kawża li minnha toħroġ id-deċiżjoni, kemm-il darba dak iċ-ċertifikat ma jkunx juri li l-persuna, skont il-ħtiġiet proċedurali mfissra fil-liġi tal-Istat emittenti:

(i) kienet f'dak iż-żmien imħarrka personalment u li tkun ġiet mgħarrfa b'dik it-taħrika bid-data u l-post appuntati għall-kawża li minnha ħarġet l-ordni ta' konfiska, jew li tkun b'mezzi oħra attwalment irċeviet informazzjoni uffiċjali bid-data u l-post appuntati għal dik il-kawża hekk illi jkun ġie bla ebda dubju stabbilit li hija kienet taf bil-kawża appuntata u li kienet mgħarrfa li setgħet tingħata dik l-ordni ta' konfiska jekk ma tidhirx f'dik il-kawża, jew

(ii) għalkemm kienet taf bil-kawża appuntata, tkun tat prokura lill-avukat tagħha li jkun ġie maħtur minnha jew mill-Istat, biex jiddefendiha f'dik il-kawża, u tkun tabilħaqq saritilha dik id-difiża minn dak l-avukat waqt il-kawża, jew

(iii) wara li tkun ġiet notifikata bl-ordni ta' konfiska u tkun ġiet mgħarrfa b'mod ċar bid-dritt li jkollha għal kawża mill-ġdid, jew appell, li fihom ikollha dritt tieħu sehem u li jkunu jippermettu li l-merti tal-kawża, inkluża kull prova ġdida li jista' jkun hemm, jiġu eżaminati mill-ġdid u li jistgħu jwasslu għal deċiżjoni differenti minn dik oriġinali, hija tkun b'mod ċar iddikjarat li ma tkunx qiegħda tikkontesta l-ordni ta' konfiska jew li ma tkunx talbet għal kawża mill-ġdid jew għal appell fiż-żmien dovut li jkun japplika;

(g) l-ordni ta' konfiska tkun ibbażata fuq proċedimenti kriminali dwar reati kriminali li:

(i) taħt il-liġi ta' Malta, jitqiesu li jkunu saru għal kollox jew biss f'parti minnhom fit-territorju tagħha, jew f'xi post ekwivalenti għat-territorju tagħha; jew

(ii) jkunu saru barra mit-territorju tal-Istat emittenti, u l-liġi ta' Malta ma tkunx tippermetti li jittieħdu proċedimenti legali dwar dawk ir-reati meta dawn isiru barra mit-territorju ta' Malta;

(h) l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska tkun ġiet preskritta taht il-liġi ta' Malta u l-imġieba li jkunu jikkostitwixxu r-reat li dwaru l-ordni ta' konfiska tkun inħarġet jkunu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

(2) Jekk l-Avukat Ġenerali jidhirlu li:

(a) l-ordni ta' konfiska tkun inħarġet f'ċirkostanzi fejn il-konfiska tal-proprjetà tkun ġiet ordnata minħabba fl-applikazzjoni, fl-Istat emittenti, ta' xi setgħat ta' konfiska estiżi speċifikati fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI, u

(b) l-ordni ta' konfiska tkun toħroġ 'il barra mill-iskop tal-għażla magħmula mill-Istat eżekutur taħt l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI,

l-ordni ta' konfiska għandha tiġi eżegwita mill-inqas sal-limitu li hemm provdut dwaru f'każijiet bħal dawk taħt il-liġi ta' Malta.

(3) L-Avukat Ġenerali għandu jikkonsulta mal-awtoritajiet tal-Istat emittenti meta huwa jiddeċiedi li jiċħad ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska bbazata fuq:

(a) il-mottivi elenkati fis-subregolament (1)(a), (b), (f) jew (g);

(b) ir-raġuni elenkata fis-subregolament (1)(e) u ma tkunx qegħda tiġi provduta informazzjoni lill-Istat emittenti ta' xi kawża li tkun inbdiet quddiem xi Qorti f'Malta;

(ċ) ir-raġunijiet imsemmija fis-subregolament (2).

(4) Fil-każ li l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tkun impossibbli li ssir minħabba fil-fatt li l-proprjetà li tkun ser tiġi konfiskata tkun diġà ġiet konfiskata, tkun għebet, tkun inqerdet, jew ma jkunux jistgħu jinsabu aktar fil-post indikat fiċ-ċertifikat jew il-post tal-proprjetà ma jkunx ġie indikat b'mod li jkun daqstant preċiż, għandhom jiġu notifikati l-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji tal-Istat

VERŻJONI ELETTRONIKA

emittenti.

Raġunijiet għal posponiment tal-eżekuzzjoni.

9. (1) L-Avukat Ġenerali jista' jipposponi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska li jiġi trasmess skont ir-regolament 5 f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) jekk, fil-każ ta' ordni ta' konfiska li tkun tirrigwarda somma flus, iqis li jkun hemm riskju li l-valur totali miksub mill-eżekuzzjoni tagħha jista' jkun jeċċedi s-somma speċifikata fl-ordni ta' konfiska minħabba fl-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska li ssir fl-istess ħin f'aktar minn Stat Membru wieħed;

(b) fil-każ meta parti li jkollha interess tkun qegħda tfittex rimedji legali kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska;

(ċ) meta l-eżekuzzjoni tista' tkun ta' ħsara għal xi investigazzjoni jew procedimenti kriminali li jkunu għaddejjin, sa dak iż-żmien li huwa jista' jqis li jkun raġonevoli;

(d) meta jitqies li jkun meħtieġ li l-ordni ta' konfiska jew partijiet minnha jiġu tradotti, matul iż-żmien meħtieġ biex issir dik it-traduzzjoni, jew

(e) meta l-proprjetà tkun diġà soġġetta għal ordni magħmula waqt proċedimenti oħra f'Malta.

(2) Jekk jitqies li jkun meħtieġ posponiment għal xi raġuni minn dawk imsemmija fis-subregolament (1)(b) sa (e), l-Avukat Ġenerali għandu jgħarraf lill-awtorità ġudizzjarja emittenti b'dan il-fatt u bir-raġunijiet għall-posponiment u, jekk ikun possibbli, għal kemm żmien ikun mistenni li jdum dak il-posponiment.

(3) Ġaladarba ma jkunx baqa' raġunijiet għal posponiment, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 7 u 10 u l-Avukat Ġenerali għandu jgħarraf b'dan lill-Istat emittenti.

Eżekuzzjoni wara l-ħruġ ta' ċertifikat.

10. Meta jkun inħareġ ċertifikat mill-Avukat Ġenerali taħt ir-regolament 7, u mingħajr ebda awtorità oħra ħlief l-awtorità mogħtija b'dan ir-regolament, l-ordni ta' konfiska għandha tiġi eżegwita mill-Avukat Ġenerali skont ir-regolament 11.

Infurzar ta' ordni ta' konfiska.

11. (1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-regolament għandhom ikunu japplikaw għal ordni ta' konfiska li japplika għalih ir-regolament 10.

(2) Iċ-ċertifikat maħruġ taħt ir-regolament 7 għandu jiġi ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili flimkien mal-ordni ta'

konfiska li tkun tirreferi għalih.

Kap. 101.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24D(2) sa (12), it-tnejn inklużi, tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Ordinanza" għandhom ikunu japplikaw *mutandis mutandis* għal ordni ta' konfiska li dan ir-regolament japplika għaliha, daqslikieku kienet ordni msemmija fl-artikolu 24D(1) tal-Ordinanza.

(4) Ma jistgħu jinġiebu ebda proċeduri quddiem il-qrati ta' Malta li jkunu jikkontestaw ir-raġunijiet sostantivi li fuqhom tkun inħarġet l-ordni ta' konfiska.

(5) Kull min jikser ordni ta' konfiska msemmija f'dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u l-qorti tista' tordna lill-persuna li tinsab hekk ħatja tiddepożita f'bank bi kreditu tal-persuna akkużata somom ta' flus jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew kunsinnata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti.

Eżekuzzjoni alternattiva.

12. (1) Meta ordni ta' konfiska tkun inħarġet sabiex tiġi konfiskata xi proprjetà speċifika u meta jkun hemm ftehim mal-Istat emittenti, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob li l-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ordni għandha tiġi ordnata tħallas somma flus ekwivalenti għall-valur tal-proprjetà, u d-dispożizzjonijiet tar-regolament 11 għandhom ikunu japplikaw għal ordni ta' konfiska li dan ir-regolament jirreferi għaliha.

(2) Meta ordni ta' konfiska tkun inħarġet sabiex tiġi konfiskata somma flus, jekk il-ħlas ma jsirx, l-ordni ta' konfiska għandu jiġi eżegwit fuq kull proprjetà skont ir-regolament 11.

Kif tiġi stabbilita s-somma li għandha tiġi infurzata.

13. (1) Meta tkun inħarġet ordni ta' konfiska sabiex tiġi konfiskata somma flus, is-somma li għandha tiġi konfiskata tista' tiġi konvertita fil-munita Euro, iżda r-rata ta' kambju li tiġi applikata għandha tkun dik fid-data meta tkun inħarġet l-ordni ta' konfiska.

(2) Meta l-persuna li tkun inħarġet l-ordni ta' konfiska kontriha tkun tista' ġġib prova li jkun sar il-ħlas, għalkollox jew biss f'parti, f'liema Stat ikun, għandu jiġi konsultat l-Istat emittenti u kull parti mis-somma, fil-każ tal-konfiska tar-rikavat, li tingabar bis-saħħa ta' dik l-ordni f'xi Stat li ma jkunx Malta, għandha titnaqqas kollha kemm hi mis-somma li għandha tiġi konfiskata.

Xi jsir minn proprjetà konfiskata.

14. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24D(7) tal-Ordinanza, il-proprjetà hekk konfiskata għandu

jsir minnha skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(2) Flejjes miksubin mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska għandu jsir minnhom kif ġej:

(a) meta s-somma li tinġabar mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tkun inqas minn għaxart elef euro (€10,000), jew ammont ekwivalenti, is-somma għandha tidħol fil-fondi tal-Gvern ta' Malta;

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, ħamsin fil-mija tas-somma li tkun inkisbet mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska għandha tiġi trasferita lill-Istat emittenti.

(3) Proprjetà, li ma tkunx tikkonsisti fi flejjes, li tkun inkisbet mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska għandha, daqstant daqskemm ikun possibbli, jsir minnha b'xi mod minn dawn li ġejjin:

(a) billi tinbiegħ il-proprjetà, u f'dak il-każ ir-rikavat għandu jsir minnu skont is-subregolament (2)(a);

(b) billi dik il-proprjetà tiġi trasferita lill-Istat emittenti:

Iżda jekk l-ordni ta' konfiska tkun tkopri somma flus, il-proprjetà tista' tiġi biss trasferita lill-Istat emittenti meta dak l-Istat ikun ta l-kunsens tiegħu.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3), oġġetti speċifiċi li jinkwadraw fl-ordni ta' konfiska li jikkonsistu f'oġġetti kulturali li jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali nazzjonali m'għandhom la jinbiegħu lanqas jitreġġgħu lura lill-Istat emittenti.

Ordnijiet ta' konfiska diversi.

15. (1) Meta jkunu nħarġu żewġ ordnijiet ta' konfiska jew aktar li jirrigwardaw -

(a) somma flus kontra l-istess persuna u dik il-persuna ma jkollhiex mezzi biżżejjed f'Malta biex teżegwixxi l-ordnijiet kollha, jew

(b) l-istess oġġett speċifiku ta' proprjetà,

l-Avukat Ġenerali għandu jiddeċiedi liema ordni ta' konfiska għandu jiġi jew għandhom jiġu eżegwiti skont dawn ir-regolamenti, jekk l-Avukat Ġenerali jkun jidhirlu, wara li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u partikolarment -

(i) jekk hemmx involuti assi ffrizati;

(ii) il-gravità relattiva u l-lok tar-reat;

(iii) id-dati tal-ordnijiet rispettivi; u

(iv) id-data ta' meta jkunu ġew trasmessi l-ordnijiet rispettivi,

li għandha tingħata preferenza għall-eżekuzzjoni ta' xi waħda jew aktar mill-ordnijiet l-oħra.

Informazzjoni dwar l-eżitu tal-eżekuzzjoni.

16. L-Avukat Ġenerali għandu minnufih jgħarraf lil xi wieħed mill-Istati emittenti b'kull tali mezz li jkun jista' jwassal biex ikun hemm reġistrazzjoni bil-miktub dwar kull ħaġa minn dawn li ġejjin:

(a) deċiżjoni li ma jirrikonoxix l-ordni ta' konfiska, flimkien mar-raġunijiet għaliex tkun ittieħdet dik id-deċiżjoni;

(b) in-nuqqas ta' eżekuzzjoni totali jew parzjali tal-ordni skont ir-regolament 13(2) jew għar-raġunijiet imsemmija fir-regolament 15;

(ċ) meta tintemm l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska.

Ħruġ ta' ordnijiet ta' konfiska.

17. (1) Meta ssir ordni ta' konfiska minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali kontra persuna fiżika jew ġuridika li tkun instabet ħatja ta' reat relevanti u li jkollha proprjetà, flejjes jew dħul ieħor fi Stat Membru ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(2) Meta tinħareġ ordni ta' konfiska minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu jehmeż mal-ordni:

(a) iċ-ċertifikat li hemm provdut dwaru fl-Iskeda 2 li jkun fih id-dettalji li jistipulaw l-informazzjoni meħtieġa bl-istess ċertifikat;

(b) dikjarazzjoni li tkun tindika li l-ordni tkun inħarġet bil-għan:

(i) li jiġi konfiskat xi oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' proprjetà; jew

(ii) li tiġi konfiskata somma ta' flus.

(3) L-Avukat Ġenerali għandu jiffirma u jawtentika l-kontenut taċ-ċertifikat.

(4) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, ordni ta' konfiska għandha tinftiehem bħala referenza għal ordni ta' konfiska msemmija

VERŻJONI ELETTRONIKA

f’dawn ir-regolamenti.

Konsegwenzi meta jaslu ordnijiet ta’ konfiska.

18. (1) Meta tigi trasmessa ordni ta’ konfiska, din m’għandhiex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ konfiska mill-Qrati ta’ Malta.

(2) Meta ordni ta’ konfiska li tkun tirrigwarda somma flus tiġi trasmessa lil aktar minn Stat eżekutur wieħed, il-valur totali li jinkiseb mill-eżekuzzjoni tagħha ma jistax jeċċedi l-ogħla ammont speċifikat fl-ordni.

B 5400

Skeda 1

(Regolament 6)

Reat skedati

- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;
- terroriżmu;
- traffikar ta' bnedmin;
- esplojtazzjoni sesswali ta' tfal u pornografija bit-tfal;
- traffikar illeċitu f'mediċinali narkotiċi u sustanzi psikotropiċi;
- traffikar illeċitu f'armi, munizzjon u splużivi;
- korruzzjoni;
- frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest tat-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;
- *laundering* ta' rikavat li jinkiseb minn atti kriminali;
- falsifikazzjoni ta' munita, inkluża l-euro;
- atti kriminali li għandhom x'jaqsmu ma' *computers*;
- atti kriminali li jolqtu l-ambjent, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali perikolati u ta' speċi u varjetajiet ta' pjanti perikolati;
- faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati;
- omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna;
- kummerċ illeċitu f'organi u tessuti tal-bniedem;
- ħtif ta' persuni, żamma ta' persuni kontra l-liġi u teħid ta' ostaġġi;
- razziżmu u ksenofobija;
- serq organizzat jew bl-armi;
- traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali, inklużi antikitajiet u opri artistiċi;
- tqarriq (*swindling*);

- rikattar organizzat (*racketeering*) u estorsjoni;
- falsifikazzjoni u piraterija ta’ prodotti;
- falsifikazzjoni ta’ dokumenti amministrattivi u t-traffikar relattiv;
- falsifikazzjoni ta’ mezzi ta’ pagament;
- traffikar illeċitu ta’ sustanzi ormonali u promoturi oħra ta’ tkabbir;
- traffikar illeċitu ta’ materjal nukleari jew radjuattiv;
- traffikar ta’ vetturi misruqin;
- stupru;
- ħruq volontarju;
- delitti fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- qbid illegali ta’ ajruplani/vapuri;
- sabutaġġ.

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 5402

Skeda 2

(Regolament 5)

ĊERTIFIKAT

imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għall-ordnijiet ta' konfiska

(a) Stat emittenti u Stat Eżekutur

* Stat Emittenti: .....
* Stat Eżekutur: .....

(b) Qorti li ħarġet l-ordni ta' konfiska:

Isem uffiċjali:.....

Indirizz: .....

Referenza tal-fajl: .....

Nru. tat-Tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....
.....

Nru. tat-*Fax*.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....
.....

E-mail (meta disponibbli) .....

Lingwi li huwa possibli tikkomunika bihom mal-Qorti .....

Dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i li għandha/għandhom tiġi/jiġu kuntattjata/i biex tinkiseb informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-infurzar tal-ordni ta' konfiska jew, fejn applikabbli, għall-finijiet tal-esekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska trasmessa lil żewġ Stati eżekuturi jew aktar, jew għall-finijiet tat-trasferiment lill-Istat emittenti ta' flejjes jew proprjetà miksuba mill-esekuzzjoni (isem, kariga/grad, nru tat-tel., nru tal-*fax*, u, meta diponibbli, *e-mail*)

(ċ) Awtorità kompetenti għall-esekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska fl-Istat emittenti (jekk l-awtorità hija differenti mill-Qorti taħt il-punt (b)):

Isem uffiċjali:
.....

Indirizz: .....
.....

Nru tat-Tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....

Nru tal-*Fax* (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....

E-mail (fejn disponibbli) .....

Lingwi li huwa possibli tikkomunika bihom mal-awtorità kompetenti mill-esekuzzjoni:
.....

Dettalji tal-persuna/i li għandha/għandhom tiġi/jiġu kuntattjata/i biex tinkiseb informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-esekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska jew, fejn applikabbli, għall-finijiet tal-esekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska trasmessa lil żewġ Stati eżekuturi jew aktar, jew għall-finijiet tat-trasferiment lill-Istat emittenti ta' flus jew proprjetà miksuba mill-eżekuzzjoni (isem, kariga/grad, nru. tat-tel., nru. tal-*fax*, u, meta disponibbli, *e-mail*)

(d) Fejn awtorità ċentrali ġiet mogħtija r-responsabbiltà għat-trasmissjoni amministrattiva u r-riċeviment ta' ordnijiet ta' konfiska fl-Istat emittenti:

Isem tal-awtorità ċentrali: .....

Persuna ta' kuntatt, jekk applikabbli (kariga/grad u isem): .....
.....

Indirizz: .....
.....

Referenza tal-fajl .....

Nru. tat-Tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....

Nru. tal-*Fax*: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....

E-mail (fejn disponibbli) .....

(e) Awtorità jew awtoritajiet li jistgħu jiġu kuntattjati (fil-każ fejn il-punt (ċ) u/jew (d) ġie/ġew mimli(ja):

☐ L-awtorità msemmija taħt il-punt (b)

Tista' tiġi kuntattjata għal mistoqsijiet dwar: .....

☐ L-awtorità msemmija taħt il-punt (ċ)

Tista' tiġi kuntattjata għal mistoqsijiet dwar: .....

☐ L-awtorità msemmija taħt il-punt (d)

Tista' tiġi kuntattjata għal mistoqsijiet dwar: .....

(f) Fejn l-ordni ta' konfisa tkun segwitu għal ordni ta' ffriżar trasmess lill-Istat eżekutur skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza*, jipprovdi informazzjoni rilevanti biex tiġi identifikata l-ordni ta' ffriżar (id-dati tal-ħruġ u tat-trasmissjoni tal-ordni ta' ffriżar, l-awtorità li lilha kienet trasmessa, in-numru ta' referenza jekk disponibbli):
.....
.....
.....

(g) Fejn l-ordni ta' konfiska ġiet tramsessa lil iktar minn Stat eżekutur wieħed, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

1. L-ordni ta' konfiska ġiet trasmessa lill-Istat(i) eżekutur(i) l-oħra li ġejjin (pajjiż u awtorità):

   .....

2. L-ordni ta' konfiska ġiet trasmessa lil aktar minn Stat eżekutur wieħed għar-raġuni li ġejja (immarka l-kaxxa rilevanti):

---

* ĠU L 196, 2.8.2003, p.45.

B 5404

2.1. Fejn l-ordni ta’ konfiska tikkonċerna partita waħda jew aktar ta’ proprjetà:

Partiti speċifiċi differenti ta’ proprjetà koperti mill-ordni ta’ konfiska huma mifhuma li jinsabu fi Stati eżekutur differenti.

Il-konfiska ta’ partita speċifika ta’ proprjetà tinvolvi azzjoni f’aktar minn Stat eżekutur wieħed.

Partita speċifika ta’ proprjetà koperta mill-ordni ta’ konfiska hi mifhuma li tinsab fi Stat eżekutur speċifikat wieħed jew aktar.

2.2. Meta l-ordni ta’ konfiska tikkonċerna ammont ta’ flus:

Il-proprjetà kkonċernata ma ġietx iffriżata taħt id-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI tat-22 ta’ Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza.

Il-valur tal-proprjetà li tista’ tiġi kkonfiskata fl-Istat emittenti u kwalunkwe Stat eżekutur x'aktarx ma jkunx biżżejjed għall-eżekuzzjoni tal-ammont sħiħ kopert mill-ordni ta’ konfiska.

Raġuni(jiet) oħra (iridu jiġu speċifikati):

.....
.....

(h) Informazzjoni dwar il-persuna fiżika jew ġuridika li għaliha nħarġet l-ordni ta’ konfiska:

1. <u>Fil-każ ta’ persuna fiżika</u>:

Kunjom: .....

Isem/ismijiet: .....

Kunjom ta’ xebba, (fejn applikabbli): .....

Psewdonimi, (fejn applikabbli): .....

Sess: .....

Nazzjonalità: .....

Numru tal-karta tal-identità jew numru tas-sigurtà soċjali (meta huma disponibbli): ..

Data tat-twelid: .....

Post tat-twelid: .....

L-aħħar indirizz magħruf: .....
.....

Lingwa/i li l-persuna tifhem (jekk dan hu magħruf): .....

1.1. Jekk l-ordni ta’ konfiska tikkonċerna ammont ta’ flus:

L-ordni ta’ konfiska tiġi trasmessa lill-Istat eżekutur peress li (immarka l-kaxxa rilevanti):

☐ (a) l-Istat emittenti għandu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li l-persuna li għaliha nħarġet l-ordni ta’ konfiska għandha proprjetà jew dħul fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Raġunijiet biex wieħed jemmen li l-persuna għandha proprjetà / dħul:
.....

Deskrizzjoni tal-proprjetà tal-persuna / fonti ta’ dħul: .....
.....

Post fejn tinsab il-proprjetà tal-persuna / fonti ta’ dħul (jekk magħruf, l-aħħar post magħruf): .....

VERŻJONI ELETTRONIKA

☐ (b) m'hemm l-ebda raġunijiet raġonevoli, kif imsemmi taħt (a), li jippermettu lill-Istat emittenti li jiddetermina l-Istat Membru lil min tista' tiġi mibgħuta l-ordni ta' konfiska, iżda l-persuna li għaliha nħarġet l-ordni ta' konfiska hija normalment residenti fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Residenza normali fl-Istat eżekutur: .....
.....

1.2. Jekk l-ordni ta' konfiska tikkonċerna partita/i speċifika/ċi ta' proprjetà:

L-ordni ta' konfiska tiġi trasmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni peress li (immarka l-kaxxa rilevanti):

☐ (a) il-partita/i speċifika/ċi tal-proprjetà tinsab/jinsabu fl-Istat eżekutur

(Ara l-punt (i))

☐ (b) l-Istat emittenti għandu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li l-partita/i speċifika/ċi tal-proprjetà kollha jew parti minnha/hom koperta/i mill-ordni ta' konfiska tinsab/jinsabu fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Raġunijiet biex wieħed jemmen li l-proprjetà tinsab fl-Istat eżekutur:
.....
.....

☐ (ċ) m'hemm l-ebda raġunijiet raġonevoli, kif imsemmi f'(b), li jippermettu lill-Istat emittenti li jiddetermina l-Istat Membru li lilu tista' tiġi mibgħuta l-ordni ta' konfiska, iżda l-persuna li għaliha nħarġet l-ordni ta' konfiska hija normalment residenti fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Residenza normali fl-Istat eżekutur:
.....
.....

2. <u>Fil-każ ta' persuna ġuridika</u>:

Isem: .....

Tip ta' persuna ġuridika: .....

Numru ta' reġistrazzjoni (jekk disponibbli)*: .....

Sede reġistrata (jekk disponibbli)*: .....

Indirizz tal-persuna ġuridika: .....

2.1. Jekk l-ordni ta' konfiska tikkonċerna ammont ta' flus:

L-ordni ta' konfiska hija trasmessa lill-Istat eżekutur peress li (immarka l-kaxxa rilevanti):

☐ (a) l-Istat emittenti għandu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li l-persuna ġuridika li għaliha nħarġet l-ordni ta' konfiska għandha proprjetà jew dħul fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Raġunijiet biex wieħed jemmen li l-persuna ġuridika għandha proprjetà / dħul:
.....

Deskrizzjoni tal-proprjetà tal-persuna ġuridika / fonti ta' dħul:
.....

Post fejn tinsab il-proprjetà tal-persuna ġuridika / fonti ta' dħul (jekk mhux magħruf, l-aħħar post magħruf):
.....

---

* Fejn deċiżjoni hija trasmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni minħabba li l-persuna ġuridika li għaliha nħarġet l-ordni ta' konfiska għandha s-sede reġistrata tagħha f'dak l-Istat, in-numru ta' Reġistrazzjoni u s-Sede reġistrata għandhom jiġu kompletati.

B 5406

☐ (b) m’hemm l-ebda raġunijiet raġonevoli, kif imsemmi f’(a), li jippermettu lill-Istat emittenti li jiddetermina l-Istat Membru li lilu tista’ tiġi mibgħuta l-ordni ta’ konfiska, iżda l-persuna ġuridika li għaliha nħarġet l-ordni ta’ konfiska għandha s-sede reġistrata tagħha fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Sede reġistrata fl-Istat eżekutur: .....
.....

2.2. Jekk l-ordni ta’ konfiska tikkonċerna partita/i speċifika/ċi ta’ proprjetà:

L-ordni ta’ konfiska tiġi trasmessa lill-Istat eżekutur peress li (immarka l-kaxxa rilevanti):

☐ (a) il-partita/i speċifika/ċi tal-proprjetà tinsab/jinsabu fl-Istat eżekutur

(Ara l-punt (i))

☐ (b) l-Istat emittenti għandu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li l-partita/i speċifika/ċi tal-proprjetà kollha jew parti minnha/hom koperta/i mill-ordni ta’ konfiska tinsab/jinsabu fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Raġunijiet biex wieħed jemmen li l-partita/i speċifika/ċi tal-proprjetà tinsab fl-Istat eżekutur: .....
.....

☐ (ċ) m’hemm l-ebda raġunijiet raġonevoli, kif imsemmi f’(b), li jippermettu lill-Istat emittenti li jiddetermina l-Istat Membru li lilu tista’ tiġi mibgħuta l-ordni ta’ konfiska, iżda l-persuna ġuridika li għaliha nħarġet l-ordni ta’ konfiska għandha s-sede tagħha fl-Istat eżekutur. Żid l-informazzjoni li ġejja:

Sede reġistrata fl-Istat eżekutur: .....
.....

(i) L-ordni ta’ konfiska

L-ordni ta’ konfiska nħareġ fi (data): .....

L-ordni ta’ konfiska sar finali fi (data): .....

Numru ta’ referenza tal-ordni ta’ konfiska (jekk disponibbli): .....

1. Informazzjoni dwar in-natura tal-ordni ta’ konfiska

1.1. Indika (billi timmarka l-kaxxa/i rilevanti) jekk l-ordni ta’ konfiska tikkonċerna:

☐ ammont ta’ flus

L-ammont għall-eżekuzzjoni fl-Istat ta’ eżekuzzjoni b’indikazzjoni tal-munita (f’figuri u kliem): .....

L-ammont totali kopert mill-ordni ta' konfiska b’indikazzjoni tal-munita (f’figuri u kliem): .....

☐ partita/i speċifika/ċi ta’ proprjetà:

Deskrizzjoni tal-partita/i speċifika/ċi ta’ proprjetà: .....

Post fejn tinsab/jinsabu l-partita/i speċifika/ċi ta’ proprjetà (jekk mhux magħruf, l-aħħar post magħruf): .....
.....

Meta l-konfiska tal-partita/i speċifika/ċi ta’ proprjetà tinvolvi azzjoni f’aktar minn Stat eżekutur wieħed, deskrizzjoni tal-azzjoni li għandha tittieħed:
.....
.....

1.2. Il-Qorti ddeċidiet li l-proprjetà (immarka l-kaxxa/i rilevanti):

☐ (i) hija r-rikavat minn reat, jew l-ekwivalenti tal-valur totali jew parti mill-valur ta' tali rikavat,

☐ (ii) tikkostitwixxi l-istrumentalitajiet ta' tali reat,

☐ (iii) hija suġġetta għall-konfiska li tirriżulta mill-applikazzjoni fl-Istat emittenti ta' kwalunkwe mis-setgħat estiżi ta' konfiska kif speċifikati f'(a), (b) u (ċ). Il-bażi għad-deċiżjoni hija li l-Qorti, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà inkwistjoni ġiet minn:

☐ (a) attivitajiet kriminali tal-persuna ħatja matul perijodu qabel ma nstabet ħatja għar-reat konċernat li hija konsidrata bħala raġonevoli mill-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari,

☐ (b) attivitajiet kriminali simili tal-persuna ħatja matul perijodu qabel ma nstabet ħatja għar-reat konċernat li hija konsidrata bħala raġonevoli mill-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, jew

☐ (ċ) l-attività kriminali tal-persuna ħatja, u ġie stabbilit li l-valur tal-proprjetà huwa sproporzjonat mad-dħul legali ta' dik il-persuna

☐ (iv) tista' tiġi konfiskata taħt kwalunkwe dispożizzjoni oħra relatata ma' setgħat estiżi ta' konfiska taħt il-liġi tal-Istat emittenti.

Jekk żewġ kategoriji ta' konfiska jew iżjed huma involuti, ipprovdi dettalji dwar liema proprjetà hija konfiskata fir-rigward ta' liema kategorija: .....

2. Informazzjoni dwar ir-reat(i) li rriżulta(w) fl-ordni ta' konfiska

2.1. Sommarju tal-fatti u deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom ir-reat(i), li rriżulta(w) fl-ordni ta' konfiska twettaq/qu, inkluż il-ħin u l-post
.....
.....
.....

2.2. Natura u klassifikazzjoni legali tar-reat(i) li rriżulta(w) fl-ordni ta' konfiska u d-dispożizzjoni statutorja applikabbli/l-kodiċi abbażi ta' liema ttieħdet id-deċiżjoni:
.....
.....
.....

2.3. Jekk applikabbli, immarka wieħed minn dawn ir-reati jew iżjed li għalih(om) ir-reat(i) identifikat(i) taħt il-punt 2.2 hawn fuq jirrelata(w), jekk ir-reat(i) huwa/huma punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' ħabs ta' perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin (immarka l-kaxxa/i rilevanti):

☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;

☐ terroriżmu;

☐ traffikar ta' bnedmin;

☐ sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal;

☐ traffikar illeċitu fi drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi;

☐ traffikar illeċitu f'armi, munizzjoni u splussivi;

☐ korruzzjoni;

☐ frodi, inkluż dik li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fit-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;

☐ *laundering* ta' flus li ġejjin minn atti kriminali;

☐ falsifikar ta' muniti, inkluża l-euro;

☐ reati konnessi mal-informatika;

☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċi ta' annimali li huma fil-perikolu li jinqerdu u fi speċi u varjetajiet ta' pjanti li huma fil-perikolu li jinqerdu;

B 5408

- ☐ faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzata;
- ☐ qtil, offiżi gravi fuq il-persuna;
- ☐ kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani;
- ☐ ħtif ta' persuni, żamma illegali u ħtif ta' ostaġġi;
- ☐ razziżmu u ksenofobija;
- ☐ serq organizzat jew bl-użu ta' armi;
- ☐ traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inkluż antikitajiet u xogħlijiet tal-arti;
- ☐ frodi;
- ☐ intrigi ta' qerq u estorsjoni;
- ☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti;
- ☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar fihom;
- ☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament;
- ☐ traffikar illeċitu f'sustanzi ormonali u affarijiet oħra li jippromwovu l-iżvilupp;
- ☐ traffikar illeċitu f'materjali nukleari jew radjuattivi;
- ☐ traffikar f'vetturi misruqa;
- ☐ stupru;
- ☐ ħruq volontarju;
- ☐ reati li huma fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- ☐ qbid illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti;
- ☐ sabotaġġ.

2.4. Sal-punt li r-reat(i) li rriżulta(w) fl-ordni ta' konfiska identifikat(i) taħt il-punt 2.2 mhux/mhumiex kopert(i) mill-punt 2.3, agħti deskrizzjoni sħiħa tar-reat(i) konċernat(i) (din għandha tkopri l-attività kriminali involuta nnifisha (kuntrarjament per eżempju għal klassifikazzjonijiet legali):
.....
.....
.....

(j) Proċeduri li rriżultaw fl-ordni ta' konfiska

Indika jekk il-persuna dehritx personalment fil-kawża li tirriżulta fl-ordni ta' konfiska:

1. ☐ Iva, il-persuna dehret personalment fil-kawża li tirriżulta fl-ordni ta' konfiska.
2. ☐ Le, il-persuna ma dehritx personalment fil-kawża li tirriżulta fl-ordni ta' konfiska.
3. ☐ Jekk immarkajt il-kaxxa fil-punt 2, jekk jogħġbok ikkonferma l-eżistenza ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   ☐ 3.1a il-persuna kienet ikkonvokata personalment ..... jum/xahar/sena) u għaldaqstant infurmata bid-data u l-post skedati tal-kawża li rriżultaw fl-ordni ta' konfiska u kienet infurmata li tista' tingħata deċiżjoni jekk hi ma tidhirx għall-kawża;

   JEW

   ☐ 3.1b il-persuna ma kenitx ikkonvokata personalment iżda b'mezzi oħrajn realment irċeviet l-informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post skedati tal-kawża li rriżultat fl-ordni ta' konfiska, b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hi kienet konxja mill-kawża skedata, u kienet infurmata li tista' tingħata deċiżjoni jekk hija ma tidhirx għall-kawża;

   JEW

☐ 3.2. konxja mill-kawża skedata, il-persuna kienet tat mandat lill-konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-kawża, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-kawża;

JEW

☐ 3.3. il-persuna kienet innotifikata bl-ordni ta' konfiska fi ..... (jum/xahar/sena) u kienet infurmata espressament dwar id-dritt għal kawża mill-ġdid jew appell, li fihom il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali, u

☐ il-persuna ddikjarat espressament li hija ma tikkontestax id-deċiżjoni;

JEW

☐ il-persuna ma talbitx kawża mill-ġdid jew appell fil-perijodu ta' żmien applikabbli.

4. Jekk immarkajt il-kaxxa taħt il-punti 3.1b, 3.2 jew 3.3 fuq, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kif ġiet sodisfatta l-kondizzjoni rilevanti:
.....
.....
.....

(k) Konverżjoni u trasferiment ta' proprjetà

1. Jekk it-talba għal konfiska tikkonċerna partita speċifika ta' proprjetà, iddikjara jekk l-Istat emittenti jippermettix li l-konfiska fl-Istat eżekutur tieħu l-forma ta' ħtieġa li titħallas somma ta' flus li tikkorrispondi mal-valur tal-proprjetà.

☐ iva

☐ le

2. Jekk l-ordni ta' konfiska tikkonċerna ammont ta' flus, iddikjara jekk proprjetà oħra għajr flus miksuba mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tistax tiġi trasferita lill-Istat emittenti:

☐ iva

☐ le

(l) Miżuri alternattivi, inkluż sanzjonijiet ta' kustodja

1. Iddikjara jekk l-Istat emittenti jippermettix lill-Istat ta' eżekuzzjoni li japplika miżuri alternattivi f'każ li mhux possibbli li tiġi infurzata l-ordni ta' konfiska, totalment jew parzjalment:

☐ iva

☐ le

2. Jekk iva, iddikjara liema sanzjonijiet jistgħu jiġu applikati (natura tas-sanzjonijiet, livell massimu tas-sanzjonijiet):

☐ Kustodja. Perijodu massimu: .....

☐ Servizz komunitarju (jew l-ekwivalenti). Perijodu massimu: .....

☐ Sanzjonijiet oħra. (Deskrizzjoni):
.....
.....
.....

B 5410

(m)	Ċirkostanzi oħra rilevanti għall-każ (informazzjoni fakultattiva): ....

(n)	L-ordni ta' konfiska hija mehmuża maċ-ċertifikat. Firma tal-awtorità li qed toħroġ iċ-ċertifikat u/jew ir-rappreżentant tagħha li tiċċertifika li l-kontenut taċ-ċertifikat huwa preċiż: ..... Isem: ..... Kariga (titlu/grad): ..... Data: ..... Timbru uffiċjali (jekk disponibbli)

Skeda 3

(Regolament 3)

Stati Membri tal-Unjoni Ewropea

L-Awstrija	Id-Danimarka
Il-Finlandja	Il-Latvja
Il-Lussemburgu	L-Olanda
Il-Polonja	Il-Portugall
Ir-Repubblika Ċeka	Ir-Rumanija
Is-Slovenja	Spanja
L-Ungerija	

Skeda 4

(Regolament 2)

Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal- 24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u partikolarment l-Artikoli 29, 31(1)(ċ) u 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tad-Danimarka [1],

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-għan ewlieni tal-kriminalità organizzata transkonfinali huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, sabiex ikun effikaċi, kwalunkwe tentattiv sabiex tali kriminalità tiġi prevenuta u miġġielda għandu jiffoka fuq it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tar-rikavati tal-kriminalità. Madankollu, dan ikun diffiċli, *inter alia*, minħabba differenzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

(2) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Vjenna ta' Diċembru 1998, il-Kunsill Ewropew għamel sejħa għal tisħiħ tal-isforzi tal-UE sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata skont pjan ta' azzjoni dwar l-aħjar mod ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Amsterdam dwar spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja [2].

(3) Skont il-paragrafu 50(b) tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna, fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jiggvernaw il-qbid u l-konfiska tar-rikavati tal-kriminalità għandhom jiġu mtejba u approssimati fejn meħtieġ, b'kont meħud tad-drittijiet tat-terzi *bona fide*.

(4) Il-paragrafu 51 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 jisħaq li l-*money laundering* jinsab fil-qalba proprja tal-kriminalità organizzata, u li għandu jinqered kull fejn iseħħ u li l-Kunsill Ewropew huwa determinat jiżgura li jittieħdu passi konkreti sabiex jiġu traċċati, iffriżati, maqbuda u konfiskati r-rikavati tal-kriminalità. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ ukoll, fil-paragrafu 55, għall-approssimazzjoni tal-liġi u l-proċedura kriminali fir-rigward tal-*money laundering* (per eżempju, dwar it-traċċar, l-iffriżar u l-konfiska ta' fondi).

(5) Skont ir-Rakkomandazzjoni 19 fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2000 intitolat "Il-prevenzjoni u l-kontroll tal-kriminalità organizzata: strateġija tal-Unjoni Ewropea għall-bidu tal-millennju l-ġdid", li ġie approvat mill-Kunsill fis-27 ta' Marzu 2000 [3], għandu jsir eżami tal-possibbiltà tal-ħtieġa ta' strument li, b'kont meħud tal-aqwa prattika fl-Istati Membri u bir-rispett

dovut għall-prinċipji legali fundamentali, jintroduċi l-possibbiltà li tiġi mitigata, skont il-liġi kriminali, ċivili jew fiskali, skont il-każ, l-oneru tal-prova dwar id-derivazzjoni tal-assi fil-pussess ta' persuna kundannata għal reat konness mal-kriminalità organizzata.

(6) Skont l-Artikolu 12, dwar il-konfiska u l-qbid, tal-Konvenzjoni tan-NU tat-12 ta' Diċembru 2000 kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw il-possibbiltà tar-rekwiżit li l-awtur tar-reat juri l-oriġini legali ta' rikavati preżunti tal-kriminalità jew ta' proprjetà oħra soġġetta għal konfiska, safejn tali rekwiżit huwa konsistenti mal-prinċipji tal-liġi domestika tagħhom u man-natura tal-proċedimenti ġudizzjarji.

(7) L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-8 ta' Novembru 1990 dwar il-*Laundering*, Tfittxija, Qbid u Konfiska tar-Rikavati tal-Kriminalità. Xi Stati Membri preżentaw dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-konfiska sabiex ikunu obbligati jikkonfiskaw rikavati biss minn numru ta' reati speċifikati.

(8) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA [4] tas-26 ta' Ġunju 2001 tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-*money laundering*, l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska ta' mezzi strumentali u rikavati tal-kriminalità. Taħt dik id-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri huma obbligati wkoll li la jagħmlu u lanqas jappoġġaw riżervi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-konfiska, sakemm ir-reat ikun wieħed punibbli bi priġunerija jew b'ordni ta' detenzjoni għal żmien massimu ta' iżjed minn sena.

(9) L-istrumenti eżistenti f'dan il-qasam ma kisbux suffiċentement koperazzjoni transkonfinali effikaċi fir-rigward tal-konfiska minħabba li għad hemm numru ta' Stati Membri li ma jistgħux jikkonfiskaw ir-rikavati tar-reati kollha punibbli bi priġunerija għal iżjed minn sena.

(10) L-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli effikaċi li jiggvernaw il-konfiska ta' rikavati tal-kriminalità, *inter alia* fir-rigward tal-oneru tal-prova dwar id-derivazzjoni tal-assi fil-pussess tal-persuna kkundannata għal reat konness mal-kriminalità organizzata. Din id-Deċiżjoni Kwadru hija marbuta ma' abbozz Daniż ta' Deċiżjoni Kwadru dwar ir-rikonoxximent reċiproku fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-konfiska ta' rikavati tal-kriminalità u l-kondiviżjoni ta' assi, li qed jiġi preżentat fl-istess waqt.

(11) Din id-Deċiżjoni Kwadru ma timpedix Stat Membru milli japplika l-prinċipji fundamentali tiegħu konnessi mad-dritt ta' proċess ġust, b'mod partikolari l-preżunzjoni tal-innoċenza, id-drittijiet ta' proprjetà, il-libertà ta' assoċazzjoni, il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'medja oħra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni Kwadru:

- "rikavati" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku minn reati kriminali. Dawn jistgħu jikkonsistu minn kwalunkwe forma ta’ proprjetà kif definita fl-inċiż li ġej,

- "proprjetà" tinkludi proprjetà ta’ kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk korporali jew mhux korporali, kemm mobbli jew immobbli, u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li juru t-titolu għal tali proprjetà jew l-interess fiha,

- "mezzi strumentali" tfisser kwalunkwe proprjetà wżata jew intiża li tiġi wżata, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, sabiex jiġi mwettaq reat kriminali jew jiġu mwettqa reati kriminali,

- "konfiska" tfisser penali jew miżura, ordnata minn qorti b’segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta’ reat kriminali jew reati kriminali, li jirriżultaw fil-privazzjoni finali ta’ proprjetà,

- "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità li għandha tali status skont il-liġi nazzjonali applikabbli, għajr għal Stati jew korpi pubbliċi oħra fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

Artikolu 2

Konfiska

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista’ jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, mezzi strumentali u rikavati ta’ reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta’ iżjed minn sena, jew bil-privazzjoni ta’ proprjetà ta’ valur korrispondenti għal tali rikavati.

2. Fir-rigward ta’ reati fiskali, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri oħra barra l-proċeduri kriminali sabiex jipprivaw lill-awtur tar-reat mir-rikavati tar-reat.

Artikolu 3

Setgħat estiżi ta’ konfiska

1. Kull Stat Membru għandu bħala minimu jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex ikun jista’, skont iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 2, jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, proprjetà li tappartjeni lil persuna kundannata għal reat

(a) li sar fi ħdan il-qafas ta’ organizzazzjoni kriminali kif definita fl-Azzjoni Konġunta 98/733/JHI tal-21 ta’ Diċembru 1998 dwar il-punibbiltà, bħala reat kriminali, tal-parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [5], meta r-reat ikun kopert:

- mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/JHA tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-falsifikazzjoni f'konnessjoni mal-introduzzjoni tal-euro [6],

- mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-*money laundering*, l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi strumentali u l-qligħ mill-kriminalità [7],

- mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/JHA tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin [8],

- mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/946/JHA tad-28 ta' Novembru 2002 dwar it-tisħiħ tal-qafas penali sabiex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, tat-transitu u tar-residenza mhux awtorizzati [9],

- mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA tat- 22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija bit-tfal [10],

- mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/JHA tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti tar-reat u l-pieni kriminali fil-qasam tat-traffikar illegali tad-droga [11],

(b) li hu kopert mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu [12],

sakemm ir-reati skont id-Deċiżjonijiet Kwadru msemmija hawn fuq

- fir-rigward ta' reati minbarra l-*money laundering*, huma punibbli b'pieni massimi kriminali ta' priġunerija mill-inqas bejn ħames u għaxar snin,

- fir-rigward tal-*money laundering*, huma punibbli b'pieni massimi kriminali ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin,

u r-reat huwa ta' tali natura li jista' jiġġenera qligħ finanzjarju.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jippermetti l-konfiska skont dan l-Artikolu mill-inqas:

(a) fejn qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà inkwistjoni ġiet minn attivitajiet kriminali tal-persuna kundannata matul perjodu qabel il-kundanna għar-reat imsemmi fil-paragrafu 1 li huwa meqjus raġonevoli mill-qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, jew,

(b) fejn qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà inkwistjoni ġiet minn attivitajiet kriminali simili tal-persuna kkundannata matul perjodu qabel il-kundanna għar-reat imsemmi fil-paragrafu 1 li huwa meqjus raġonevoli mill-qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ

partikolari, jew,

(ċ) fejn jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà huwa sproporzjonat għad-dħul legali tal-persuna kundannata u qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà inkwistjoni ġiet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna kundannata.

3. Kull Stat Membru jista' wkoll jikkunsidra jadotta l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista' jikkonfiska, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, kompletament jew parzjalment, proprjetà akkwistata mill-qraba l-aktar qrib il-persuna konċernata u proprjetà trasferita lil xi persuna ġuridika li fir-rigward tagħha l-persuna konċernata - li taġixxi weħidha jew flimkien mal-qraba l-aktar viċini - għandha influwenza ta' kontroll. L-istess għandu japplika jekk il-persuna konċernata tirċievi parti sinifikanti tad-dħul tal-persuna ġuridika.

4. L-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri oħra barra l-proċeduri kriminali sabiex jipprivaw lill-awtur mill-proprjetà inkwistjoni.

Artikolu 4

Rimedji legali

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-partijiet interessati milquta mill-miżuri taħt l-Artikoli 2 u 3 jkollhom rimedji legali effikaċi sabiex jippreżervaw id-drittijiet tagħhom.

Artikolu 5

Protezzjoni

Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex ikollha l-effett li tbiddel l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji fundamentali, inkluża partikolarment il-preżunzjoni tal-innoċenza kif affermata fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 6

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru sal-15 ta' Marzu 2007.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Marzu 2007, it-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom b'din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-Kunsill għandu jivvaluta, skont rapport magħmul abbażi ta' din l-informazzjoni u ta' rapport bil-miktub mill-Kummissjoni, sal-15 ta' Ġunju 2007, safejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.

B 5416

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni Kwadru għanda tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi publikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, nhar il- 24 ta' Frar 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

N. Schmit

---

[1] ĠU C 184, 2.8.2002, p. 3.

[2] ĠU C 19, 23.1.1999, p. 1.

[3] ĠU C 124, 3.5.2000, p. 1.

[4] ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1.

[5] ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1.

[6] ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1.

[7] ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1.

[8] ĠU L 203, 1.8.2002, p. 1.

[9] ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1.

[10] ĠU L 13, 20.1.2004, p. 44.

[11] ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8.

[12] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.